DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

21 ta' Lulju 2020*

"Proċedura – Intaxxar tal-ispejjeż – Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-334/18 DEP,

Bodegas Altún, SL, stabbilita f'Baños de Ebro (Spanja), irrappreżentata minn I. Temiño Ceniceros u J. Oria Sousa-Montes, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn S. Palmero Cabezas u H. O'Neill, bħala aġenti,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

Codorníu, SA, stabbilita f'Esplugues de Llobregat (Spanja), irrappreżentata minn M. Ceballos Rodríguez u E. Stoyanov Edissonov, avukati,

li tirrigwarda talba ta' intaxxar tal-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborsati lir-rikorrenti wara s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019, Bodegas Altún vs EUIPO – Codorníu (ANA DE ALTUN) (T-334/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:451),

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn D. Spielmann (Relatur), President, U. Öberg u R. Mastroianni, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Digriet

Fatti, proċedura u t-talbiet tal-partijiet

1 Fil-31 ta' Mejju 2013, ir-rikorrenti, Bodegas Altún, SL, ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif emendat [issostitwit bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)]. Fl-1 ta' Ottubru 2013, l-intervenjenti, Codorníu, SA, għamlet oppożizzjoni, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 46 tar-Regolament Nru 2017/1001), għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Fit-28 ta' Novembru 2014, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kkunsidrat li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark mitluba u t-trade mark preċedenti. Fit-22 ta' Jannar 2015, ir-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem l-EUIPO, abbażi tal-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikoli 66 sa 71 tar-Regolament 2017/1001), kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Permezz tad-deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2015, it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

2 L-intervenjenti ppreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Diċembru 2015 quddiem il-Qorti Ġenerali. Permezz tas-sentenza tat-18 ta' Settembru 2017, Codorníu vs EUIPO – Bodegas Altún (ANA DE ALTUN) (T-86/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:627), il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors, annullat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell u kkundannat lill-EUIPO u lir-rikorrenti jbatu kull wieħed l-ispejjeż tagħhom kif ukoll nofs dawk sostnuti mill-intervenjenti.

3 Wara s-sentenza tat-18 ta' Settembru 2017, ANA DE ALTUN (T-86/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:627), l-oppożizzjoni ntbagħtet lura quddiem l-ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, li, permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Marzu 2018, ikkunsidra li għal raġunijiet ta' ekonomija tal-proċedura, kien jaqbel li l-oppożizzjoni tiġi eżaminata fir-rigward tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001 u ċaħad l-appell ippreżentat mir-rikorrenti.

4 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Mejju 2018, ir-rikorrenti ppreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Marzu 2018.

5 Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019, Bodegas Altún vs EUIPO – Codorníu (ANA DE ALTUN) (T-334/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:451), il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Marzu 2018 u kkundannat lill-EUIPO u lill-intervenjenti jbatu kull wieħed l-ispejjeż proprji tagħhom kif ukoll nofs dawk sostnuti mir-rikorrenti.

6 Ir-rikorrenti tindika li hija pprovat tikseb ir-rimbors tal-ispejjeż marbuta mal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019, ANA DE ALTUN (T-334/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:451), mingħand l-intervenjenti b'mod bonarju, mingħajr ma ntlaħaq ftehim.

7 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrenti ppreżentat, skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, talba ta' intaxxar tal-ispejjeż li permezz tagħha talbet lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tiddikjara t-talba ammissibbli u tistabbilixxi l-ammont tal-ispejjeż li jistgħu jinġabru li għandhom jitħallsu mill-partijiet li tilfu fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019, ANA DE ALTUN (T-334/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:451).

8 L-EUIPO ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-talba ta' intaxxar tal-ispejjeż tar-rikorrenti fit-18 ta' Frar 2020. Huwa kkonstata li ġie kkuntattjat mir-rikorrenti rigward ir-rimbors tal-ispejjeż u, rigward il-mertu, jitlob lill-Qorti Ġenerali tistabbilixxi għal EUR 6 000 l-ammont totali tal-ispejjeż li jistgħu jinġabru li għandu jirrimborsa f'partijiet ugwali flimkien mal-intervenjenti.

9 L-intervenjenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fl-20 ta' Frar 2020. Hija tikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba ta' intaxxar tal-ispejjeż tar-rikorrenti mingħajr nuqqas ta' kontestazzjoni fis-sens tal-Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura. Hija ssostni li, fi kwalunkwe każ, il-kawża bejn il-partijiet għadha għaddejja u li l-intaxxar parzjali tal-ispejjeż ma huwiex xieraq. Hija titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad it-talba ta' intaxxar tal-ispejjeż u tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż sostnuti għall-finijiet ta' din il-proċedura. Sussidjarjament, hija titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tistabbilixxi ċ-ċifra tal-ispejjeż li hija sostniet għall-finijiet tal-kawża li wasslet għas-sentenza tat-18 ta' Settembru 2017, ANA DE ALTUN (T-86/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:627).

10 Ir-rikorrenti ppreżentat fis-6 ta' Marzu 2020 osservazzjonijiet dwar l-osservazzjonijiet tal-EUIPO u tal-intervenjenti, li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma tinkludix fil-proċess.

Id-dritt

11 Skont l-Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li, meta jkun hemm kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi permezz ta' digriet li ma jistax jiġi kkontestat fuq talba tal-parti kkonċernata, wara li tkun tat lill-parti kkonċernata mit-talba l-possibbiltà li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

12 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta l-bżonn li tiġi eżaminata, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru qabel ma titressaq it-talba ta' intaxxar tal-ispejjeż (digriet tal-24 ta' Jannar 2017, Natorski u Pokrywa vs EUIPO - PIS Opakowania (Parti ta' bieb), T-251/14 DEP, mhux ippubblikat, EU:T:2017:39, punt 13).

13 L-ewwel nett, kif jenfasizza l-EUIPO, mill-proċess ma jirriżultax li r-rikorrenti kkuntattjatu għall-finijiet tar-rimbors tal-ispejjeż u li għalhekk kien hemm kontestazzjoni mill-EUIPO dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru.

14 Għalhekk huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fl-assenza ta' kontestazzjoni kontra l-EUIPO rigward l-ammonti tal-ispejjeż li jistgħu jinġabru jew il-likwidazzjoni tagħhom, it-talba tar-rikorrenti hija inammissibbli fil-konfront tal-EUIPO.

15 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li pprovat tikseb ir-rimbors tal-ispejjeż inkwistjoni mingħand ir-rappreżentant tal-intervenjenti b'mod bonarju, mingħajr suċċess.

16 L-intervenjenti, min-naħa tagħha, tikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba ta' intaxxar tal-ispejjeż li jistgħu jinġabru, peress li r-rikorrenti ma talbithiex il-ħlas tal-imsemmija spejjeż.

17 Il-Qorti Ġenerali tikkonstata li t-talba ta' intaxxar, minbarra li la tinkludi ċ-ċifra tal-ammont mitlub u lanqas ebda element li jikkonċerna l-ispejjeż inkwistjoni u sempliċement tirreferi għal anness f'dan ir-rigward, ma tagħmel riferiment għal ebda talba ta' ħlas tal-ispejjeż mibgħuta lill-intervenjenti.

18 Minn ċerti elementi tal-proċess jirriżulta li soluzzjoni bonarja u globali għall-kawża li tikkonċerna t-trade marks inkwistjoni, inklużi l-ispejjeż, kienet diskussa bejn ir-rikorrenti u l-intervenjenti.

19 Madankollu, kif tfakkar fil-punt 12 iktar 'il fuq, huwa importanti li jiġi vverifikat jekk, fid-data tat-tressiq tat-talba, kinitx teżisti kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru u b'mod partikolari dwar l-ammont tagħhom jew il-likwidazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, id-digriet tad-9 ta' Novembru 2017, Nestlé Unternehmungen Deutschland vs Lotte, C-586/15 P-DEP, mhux ippubblikat, EU:C:2017:855, punti 9 u 10 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Anki jekk ebda dispożizzjoni tar-Regoli tal-Proċedura ma tobbliga parti tiddokumenta t-talbiet tagħha fl-istadju ta' meta jsir il-kuntatt li jippreċedi t-tressiq ta' talba ta' intaxxar tal-ispejjeż (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-20 ta' Ġunju 2013, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, T-16/09 P-DEP, mhux ippubblikat, EU:T:2013:330, punt 7), xorta jibqa' l-fatt li l-parti li għandha tħallas it-taxxa fuq l-ispejjeż għandha tkun tqiegħdet f'pożizzjoni, qabel it-tressiq tat-talba għal intaxxar, li tesprimi ruħha dwar l-ispejjeż mitluba mill-parti li tagħmel din it-talba.

21 Issa, f'dan il-każ, għalkemm kien ġie diskuss ftehim bonarju globali dwar it-trade mark inkwistjoni bejn ir-rikorrenti u l-intervenjenti, mill-elementi tal-proċess ma jirriżultax li l-kwistjoni tal-ispejjeż kienet tqajmet mal-intervenjenti b'mod separat mill-bqija tal-ftehim b'mod li kienet tqiegħdet f'pożizzjoni li tesprimi ruħha, b'konjizzjoni sħiħa tal-fatti dwar din il-kwistjoni, indipendentement mid-diskussjonijiet dwar il-mertu tal-kawża.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-ftehim bonarju bejn ir-rikorrenti u l-intervenjenti ma ntlaħaqx ma huwiex biżżejjed, minnu nnifsu, sabiex jippermetti li jiġi konkluż li teżisti kontestazzjoni dwar l-ammont tal-ispejjeż li jistgħu jinġabru jew dwar il-likwidazzjoni tagħhom fis-sens tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

23 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li din it-talba hija inammissibbli wkoll f'dak li jikkonċerna lill-intervenjenti.

24 Minn dan isegwi li, fl-assenza ta' kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru qabel it-tressiq ta' talba ta' intaxxar, din għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

25 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

26 Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-intervenjenti f'din il-proċedura, skont it-talbiet ta' dawn tal-aħħar.

27 Peress li l-EUIPO ma għamilx talba dwar l-ispejjeż, hemm lok li jiġi deċiż li dan għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

tordna:

1) It-talba ta' intaxxar tal-ispejjeż hija miċħuda bħala inammissibbli.

2) Bodegas Altún, SL għandha tbati l-ispejjeż tagħha relatati ma' din il-proċedura kif ukoll dawk ta' Codorníu, SA.

3) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati ma' din il-proċedura.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Lulju 2020.

Reġistratur
E. Coulon

Il-President
D. Spielmann